*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 29*

***02 t'Awissu 2017***

## *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

## *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

### *29.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

29.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba mpenji personali. Il-kunsilliera laqgħu l-apoloġija tas-Sur Azzopardi.

### *29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

28.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

29.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spejga li matul l-aħħar ġimgħa ġew studjati possibilitajiet dwar x'jista' jsir għall-kennels tal-qtates fil-lokalita'. Filwaqt li l-Island Sanctuary għandhom kennels għall-qtates, tkun trid tmur għalihom għaliex ma jagħmlux delivery. Għaldaqstant, dawn jistgħu jinxtraw min pet shop b'qisien differenti u jkunu mwaħħlin bil-konkos ħalli ma jiġux misruqa. Il-kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-vot favur kien unanimu.

## *29.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

29.4.1 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li l-Kunsill tal-Marsa jitlob lid-Direttorat tat-Tindif li jaħsel Triq Zerafa ma Triq Isouard. Dan hekk kif sar tindif fil-lokalita' tal-Ħamrun permezz ta' bowser u l-ħmieġ ta' din l-akwata spiċċa l-Marsa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill ser jinforma d-Direttorat tat-Tindif kif mitlub.

29.4.2 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer staqsa dwar x-xogħolijiet li qegħdin isiru fil-Ġnien ta'taħt il-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ċ-ċint ser jiġi rtirat lura sabiex titwessa t-triq bħala parti mill-proġett tal-Marigold Foundation li ser twaqqaf iċ-ċentru tagħhna maġemb il-bini tal-Kunsill.

29.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qal li hemm bżonn li titwaħħal mera fi Triq San Mikiel ma Isouard fejn hemm il-Mużew hekk kif xi residenti lmentaw miegħu li din il-kisra hija perikoluża. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser jinforma lill-kuntrattur sabiex din issir.

29.4.4 Il-kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit staqsa dwar il-possibilita' li s-security cameras jerġaw jitpoġġew fi Triq il-Jum fejn il-Bring-in Sites. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li attwalment hemm bżonn li titrazzan il-problema tar-rimi ta' skart fiż-żona tal-vaska l-kbira. Sadanittant il-Kunsill qiegħed jikkommunika mall-GreenPak sabiex dawn jibdew jipprovdu s-servizz tal-cameras mall-Bring-In Sites bħalma diġa' qed jsir f'Kunsilli oħra.

Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit daħal għas-seduta fis-6.10pm.

## *29.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *29.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

29.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onorevoli Silvio Parnis bgħatt ittra ta' introduzzjoni tal-kariga l-ġdida tiegħu. Fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed jagħmel kuntatt mall-Kunsill sabiex jiltaqgħa mas-Sindku u l-Kunsilliera bil-għan li jkun aktar qrib u jisma' l-idejat tagħhom.

29.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill irċieva struzzjonijiet ġodda dwar is-servizz tal-live streaming tal-Laqgħat. Dan hekk kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ffirma kuntratt ġdid li ser ikun mogħti lill-kumpanija GO Plc biex tipprovdi dan is-servizz lil-Kunsilli Lokali kollha.

# *29.7 Financial Committment Report April- Ġunju 2017*

29.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju s-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta' tlett xhur bejn April sa Ġunju 2017. Hawnhekk is-Segretarju spjega li skont ir-regoli l-ġodda tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-figuri ser ikunu qed jirriflettu l-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. F'dan il-perjodu rajna li l-andament finanzjarju pozzittiv li kien qed jgawdi l-Kunsill fl-ewwel tlett xhur kompla jissaħħaħ hekk kif ġie rreġistrat surplus ta' kwazi €40,000 dovut primarjament mid-dħul tal-Gvern Ċentrali. L-infieq ewlieni tal-Kunsill kompla jkun dak relatat mat-tinfid u maintenance. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *29.8 Attivitajiet ta' Skola Sajf*

29.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li s-Surmast tal-Iskola Primarja talab lill-Kunsill jekk jistgħax jgħin fit-transport tal-istudenti u l-ġenituri tagħhom għall-attivita' ta' Skola Sajd. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda filwaqt li l-Kunsilliera kollha kienu favur li l-Kunsill jgħin din l-attivita' li minnha jgawdu ta' kull sena numru sabiħ ta' studenti Marsin.

## *29.9 Monument Misraħ G.F Abela*

29.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono poġġa fuq il-mejda disinn ta' monument għall-Misraħ G.F Abela. Hawnhekk l-iskultur qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex napplikaw għall-permessi meħtieġa mall-Awtorita' tal-Ippjannar. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekkonda filwaqt li l-vot favur din l-applikazzjoni kien wieħed unanimu.

## *29.10 Kwotazzjonijiet għal Dustbins*

28.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ kwotazzjoni għal dustbins sabiex l-Kunsill ikompli jsaħħaħ l-indafa fil-lokalita'. Dawn id-dustbins ser ikunu qed iżidu ma dawk li hemm u oħrajn li jridu jinbidlu. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit isskonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *29.11 Ħruġ ta' Tender għal Proġett ta' Urban Greening*

28.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li ser jinħareġ tender ta' madwar €25,000 għall-proġett tal-Urban Greening, li huma fondi lil-Kunsill ingħata mill-Ministeru tal-Ambjen tabiex jiżdiedu s-siġar indiġeni fil-lokalita' tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda filwaqt lil-vot favur kien unanimu.

## *29.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

28.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Settembru 2017 fil-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 27 ta' Settembru 2017